# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA` SAN ĠORĠ • GHAWDEX

Jannar - Frar 1996

Nru. 88


## IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

# BIĊĊA KARTA LI TĦARBAT U TFARRAK



Fix-xhur li għaddew id-dinja għolliet leħinha sabiex tikkundanna l-provi nukleari li Franza kienet qed tagħmel qrib il-gżira ta' Muraroa. Kundanna li kienet ġejja minn nies li jafu xi tfisser Bomba nukleari, bħal ngħidu aħna dawk li irnexxielhom isalvaw mill-qerda ta' Hiroshima u Nagasaki, u li għadhom sa' llum iġorru fuqhom il-qilla qerrieda.

Meta f'pajjiżna sseħħ xi disgrazzja ta' xi kamra tan-nar, aħna nkunu nistgħu naraw b'għajnejna it-tifrik u l-istraġi li tħalli warajha, barra naturalment, il-vittmi stess li jitilfu ħajjithom.

Iżda ma nkunx qiegħed neżaġera meta ngħid li dan it-tħarbit u dan it-tifrik jista' faċilment iseħħ fostna l-bnedmin. Mhux b'xi bomba nukleari u l-anqas b'xi spluzzjoni ta' xi bomba tal-ġelatina, iżda permezz ta' daqsxejn ta' ittra bla firma, mħarbxa fuq biċċa karta, mqegħda ġewwa envelope u ndirizzata lil xi ħadd. Iva sewwa ħsibt: **l-ittra anonima.**

Kemm ħsara ssir permezz tagħha. Kemm familji tkissru minħabba fiha. Kemm ġlied inqala' tort tagħha. Kemm suspetti fuq dak jew fuq dik, li ħafna drabi jkunu suspetti nfondati, iżda li xorta waħda jeħlu mal-moħħ ta' min ikun irċieva dik l-ittra.

Huwa veru li xi kultant niġu mitluba biex b'permezz ta' telefonata anonima, nikkoperaw mal-Pulizija jew ma' xi Korpi oħra fil-ġlieda li qed issir kontra l-pjaga tad-Droga, jew inkella meta jseħħ xi delitt u niġu mitluba nagħtu xi informazzjoni li tista' twassal għal min ikun wettaq id-delitt. F'dan l-artiklu ma inhix qed nirreferi għal xi każi bħal dawn, għalkemm ta' min jgħid ukoll, li qabel ma wieħed iċempel u jagħti informazzjoni, għandu jfittex li dik l-informazzjoni hija korretta u jagħmilha bi skop ġenwin li jgħin.

Il-persuna li tuża l-arma ta' l-ittra anonima hija :

*ikompli f'paġna 3*

**INGĦAQAD MAGĦNA F'WAĦDA MIN DAWN IŻ-ŻJARAT**

~ ~ ~

**L-ART IMQADDSA**

*Betlem, Jerusalem, Nazaret ecc....*

3 – 10 ta` Ġunju 1996

✈ ✈ ✈

**LOURDES**

*Il-Belt tal-Madonna*

29 ta` Lulju – 3 t'Awissu 1996

✈ ✈ ✈

**L-ITALJA**

*Ruma, Assisi, Tivoli ecc...*

Dati 'l quddiem

~ ~ ~

***Tagħrif u Dettalji mill-Uffiċċju Parrokkjali***

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*
**CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ**
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

30.11.95: **MICHELA,** bint Loreto Galea u Josephine nee' Galea
03.12.95: **MODDY-ANN,** bint Michael Refalo u Celestina nee' Cordina
17.12.95: **MARIA,** bint Micahel Grech u Victoria nee' Borg
06.01.96: **ANDREA,** iben Christopher Debrincat u Carol nee' Grech

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

23.12.95:
**PAUL RENATO BIGENI** (Xaghra) u **JULIE ANNE SAID** (Nadur)

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

29.10.95: MICHAEL MERCIECA
07.11.95: GODWIN FARRUGIA
30.12.95: MARIA GATT

### Offerti tagħkom b'risq ir-Rivista




| | |
|---|---|
| Anthony Mercieca: Kanada | Can.$ 20 |
| Joseph Galea, Nadur | Lm 3 |
| Mr.& Mrs. Emm.Attard: Awstralja: | Aus.$ 20 |
| Dolores Scicluna, Malta | Lm 2 |
| Mons. Jos. Borg Attard: Fontana | Lm 2 |
| Mr.& Mrs. Tony Aquilina: Kanada | Can $ 50 |
| N.N. Victoria | Lm10 |
| W.Rev.Kapp. G. Brincat: U.S.A. | US $ 50 |
| Anthony Farrugia, Sannat | Lm 2 |

**IL-KANDITATI**

*Kummiedja fi 3 Atti ta` Ġorġ Xerri*

fit-**TEATRU ASTRA**

**nhar il-Ħadd, 25 ta` Frar 1996**

**fil-5.00pm**

# Editorjal

## SENA INTERNAZZJONALI TAT-TFAL



Is-sena 1996 ġiet dikjarata bħala Sena Internazzjonali tat-Tfal. Dan bil-għan biex kulħadd jħares lil dawn il-membri tas-soċjeta' li tant huma vulnerabbli u li kultant ikunu l-mira ta'sfruttament kontinwu minn dawk ikbar minnhom.

Il-Papa, fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi li jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Jannar, din is-sena għamel riferenza speċjali għat-tfal fil-bidu ta' din is-sena dedikata lilhom. Huwa enfasiżża l-ħtieġa li nibdew edukazzjoni għall-paċi billi lit-tfal inrabbuhom f'ambjent fejn issaltan il-paċi. Fil-familji, fl-skejjel, fil-postijiet ta' divertiment, fil-programmi televisivi u f'kull ambjent fejn insibu t-tfal hemm bżonn li tinżamm atmosfera ta' paċi u sliem. Dan iservi biex it-tfal jikbru jgħożżu l-paċi u jipprattikawha f'ħajjithom meta jikbru.

B'hekk biss nassiguraw li l-ġenerazzjonijiet li telgħin ikunu nieqsa min tilwim razzjali, etniku u ta' kull kwalita' oħra. Jekk nkunu kapaċi nedukaw għall-paċi żgur li d-dinja tagħna tgħaddi minn perijodi iktar feliċi minn dawk li kellha tgħaddi minn f'dn is-seklu, fejn rajna tkissir u mwiet li qatt ma rajna bħalhom.

Il-kbar, dwk li jmexxu llum jridu joqgħodu ferm attenti li ma jisservewx bit-tfal għall-iskopijiet ta' moħħom. Sfruttament ta' tfal tarah quddiem għajnejk kuljum fin-negozji tagħna. Abbużi mit-tfal tisma bihom kuljum. Moħqrija tat-tfal taraha u tmissha b'idejk. Traskuraġni biex inkunu nistgħu nissodisfaw lilna nnfusna taraha kullimkien. Hemm bżonn li matul din is-sena nidraw nifhmu li t-tfal tagħna ser ikunu s-soċjeta' ta' għada u hemm bżonn li nagħtuhom dik l-attenzjoni u għożża biex jikbru u jsiru ċittadini denji ta' isimhom.

Dan hu l-awgurju tagħna ghas-sena li bdejna dedikata lit-tfal. J'Alla kulħadd jifhem l-importanza li għandna li nedukaw għall-paċi u nrabbu lit-tfal tagħna f'ambjent meħlus minn kull sfruttament.

# FESTIVAL TAL-KORIJIET



*L-E.T. Mons Isqof qed jippreż nta s-'Shield' lic-Chairman tal-Chorus Urbanus, il-Perit Edward Scerri BE&A (Hons.),A&CE*

Fid-29 ta' Diċembru 1995 fil-Bażilika tagħã sar is-17-il Festival tal-Korijiet fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Dan il-festival jiġi organiżżat mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura tal-Kurja Djoċesana. Din is-sena mess lill-Parroċċa tagħna biex tospita dan il-Festival.

B'kollox ħadu sehem ħames korijiet li kollha nterpretaw żewġ għanjiet tal-Milied. Il-Korijiet li ħadu sehm kienu l-Chorus Ecclesiae Cathedralis tal-Parroċċa tal-Katidral, il-Kor Lauretana tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, il-Kor Kristu Sultan tal-Parroċċa tal-Fontana u ż-żewġ korijiet tal-Bażilika tagħna il-Kor Laudate Pueri u l-Chorus Urbanus.

Is-serata tmexxiet mis-Sinjura Anna Ellis u saret taħt il-patroċinju ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi. Fi tmiem is-serata Mons Isqof wassal messaġġ qasir ta' l-okkażjoni u ppreżenta diplomi u trophies lill-korijiet li ħadu sehem. Il-Chorus Urbanus ġie ppreżentat bis-"Shield" li jżomm għal sena.

## *NIFIRĦU LIL DUN ALFRED XUEREB*

F'isem il-Board Editorjali tar-Rivista "Il-Belt Victoria", kif ukoll f'isem il-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll tal-Komunita' Parrokkjali kollha nifirħu lil Dun Alfred Xuereb. saċerdot tal-Parroċċa tagħna li dan l-aħħar ġie mitlub sabiex jibda' jaħdem fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan.

Dun Alfred ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi fis-26 ta' Mejju 1984, u f'Settembru ta' l-istess sena beda l-ħidma pastorali tiegħu ġewwa Ruma. Għamel 4 snin bħala viċi-parroku tan-Nativita' ta' Ġesu' u wara xi snin ta' studju u wara l-Liċenzja temm b'suċċess id-Dottorat fit-Teoloġija Spiritwali fl-Istitut "Teresianum". Wara sentejn bħala viċi-parroku fil-Parroċċa tas-Santissimu Sagrament huwa ġie mogħti l-kariga ta' Segretarju Personali tar-Rettur ta' l-Universita' Pontifiċja Lateranensi.

Nawguraw lil Dun Alfred servizz utli u ta' ġid fil-kariga ġdida li għandha kemm ġiet afdata lilu, żguri mill-fiduċja fih.

# IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

■ **Persuna beżżiegħa,** li tinħeba wara ittra bla isem, biex tgħid affarijiet, li qatt ma jkollha l-kuraġġ tgħidhom f'wiċċ dak li jkun.

Kieku l-messaġġ huwa ġenwin, tista' tinqeda' b'xi ħadd ieħor, p. eż. saċerdot, persuna ta' l-affari tagħha, li filwaqt li tiżgura li l-isem ma jissemmiex, twassal il-messaġġ għand min għandu jasal.

■ **Persuna giddieba,** li tinħeba wara ittra bla isem biex twassal messaġġli taf li mhux il-verita', iżda storja vvintata, moħmija fil-forn tal-għira, imqabbad mill-ħatab tal-mibgħeda.

■ **Persuna korrotta,** li tinħeba wara ittra bla isem biex tifred u tkisser, biex tmarrad u ddejjaq, biex tfieri u toqtol. Persuna li taħseb li l-Ħames Kmandament "La Toqtolx", qiegħed biss għal min ineħħi l-ħajja ta' persuna oħra b'xi tir ta' revolver jew arma li taqta'.

■ **Persuna bla moħħ u bla qalb:** bla moħħ, għax mhix kapaċi tiżen il-ħsara li tkun qed issir; bla qalb, għax ma jimportahiex mid-deni li tkun qed iġġib fil-persuni nvoluti.

***Lil min jirċievi ittra anonima nixtieq ngħidlu:***

● taqrahiex, qattagħha, u armiha l-bogħod, postha fil-"waste paper basket".

● taħseb f'ħadd, għax x'aktarx iva milli le, tkun qed taħseb ħażin.

● itlob għal min bagħathielek, biex jittendi bl-iżball u ma jissokktax ikompli fl-iżball tiegħu.

***Lil min jikteb dawn l-ittri anonimi ngħidlu:***

● Jekk inti ġenwin u trid **verament** il-ġid tal-persuna li ser tiktbilha dik l-ittra, ara hemmx mezzi oħra biex twassal il-messaġġ tiegħek.

● Jekk trid **verament** il-ġid, tinħebiex wara biċċa ittra bla isem. Int għandek tkun kburi li trid il-ġid lil dak li jkun.

● Poġġi lilek innifsek flok il-persuna li ser tirċievi l-ittra, u staqsi lilekinnifsek jekk inti tixtieqx tirċievi ittra bħal dik.

● X'ser tagħmel biex tirranġa d-dnub tiegħek, u l-ħsara li tkun għamilt?Il-Qrar biss mhux biżżejjed! Int, bl-ittra tiegħek, SRAQT il-ferħ,il-kalma, is-serenita', l-għaqda ta' familja sħiħa, ġennint lil min irċievih, ħarbat il-ħajja ta' ħafna. Min fejn ser tibda' biex issewwi l-iżball?

● Trid tgħaddi ħajtek iddisprat fuq dak kollu li wettaqt? Trid tgħix kontinwament itturmentat għax tħossok li trid tirranġa l-ħsara u ma tistax? Trid tibqa' tiftakar f'għemilek sa' l-aħħar nifs, saħansitra fuq is-sodda tal-mewt tiegħek? X'wiċċ għandek biex tidher quddiem il-Ħallieq, li Hu s-Sewwa, il-Verita', il-Ġustizzja?

Għadek fil-ħin! Jekk fl-imgħoddi idejk kitbu xi ittra ta' din ix-xorta, agħmel i-kuraġġ, itlob parir, u agħmel dak li jgħidlek is-Saċerdot. Jekk qed ittella' u tniżżel biex tikteb xi ittra bħal din, jew inkella tuża isem ħaddieħor flok dak tiegħek, li hu agħar u agħar milli kieku bgħattha bla isem, aħsibha sew. Tkunx iblah! Ieqaf, tiktibiex, u tħossok kuntent.

*Mons. Salv Borg*

# IL-BINI MILL-ĠDID TAL-KAMPNAR TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ



*Nhar il-15 ta' Diċembru, l-Ewwel Jum tan-Novena tal-Milied, l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Solenni mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ bħala Radd il-Ħajr ' l Alla talli l-Bini mill-ġdid tal-Kampnar tal-Bażilika kien intemm b'wiċċ il-ġid.*

*Il-bini mill-ġdid tal-Kampnar kien meħtieġ peress li kien hemm deterjorazzjoni kbira kif ukoll ħsara kbira strutturali. Ġie mqabbad il-Perit Roger DeGiorgio u x-xogħol tal-bini ġie afdat f'idejn il-Bennej Anthony Vella u l-ħaddiema tiegħu, filwaqt li x-xogħol tal-lavur sar bl-akbar reqqa mis-Sur Charles Axiaq. Is-Sur I. Centorrino mill-Uffiċċju tal-Perit DeGiorgio, għamel id-disinni meħtieġa biex il-Kampnar il-ġdid jitla' identiku bħall-kampnar l-ieħor u sabiex il-bini tal-kampnar il-ġdid isir skond is-sengħa nvoluta. Il-ġebel inġab fil-parti l-kbira tiegħu mill-aqwa barriera ta' l-Imqabba f'Malta. Ix-xogħol kien jinkludi wkoll l-użu ta' l-azzar u l-iggalvanizżar tal-ħadid li jerfa' il-qniepen.*

*L-opra kollha kienet afdata mill-Arċipriet Mons. Salv Borg f'idejn Rev. Dr.. Joseph Farrugia li ssorvelja x-xogħol kollu u ħadem bla waqfien sabiex din il-biċċa xogħol hekk kbira setgħet titlesta biss suċċess li tlestiet. Ta' min igħid li kemm il-Perit DeGiorgio, kif ukoll s-Sur Centorrino, u bosta li kellhom sehem f'din l-opra taw is-servizz tagħhom bla ħlas.*

*Biex ikollna idea aktar eżatta ta' dak li sar, ser inwasslulkom rapport dettaljat miktub mis-Sur I. Centorrino, Architectural Designer, fl-Uffiċċju tal-Perit Degiorgio.*

Il-Kampnar hu magħmul minn erbgħa pilastri ta' l-ordni Kompost, b'żewġt uċuħ sporġuti minn kull kantuniera tal-Kampnar. Kull pilastru hu magħmul minn bażi, shaft u kapitell. Dawn il-pilastri li huma mpoġġija fuq zokklu ta' pied u ħdax il-pulzier, qed jerfgħu l-entablatura li fiha proġezzjoni fuq kull ġenb sporġut tal-pilastru ta' l-ordni kompost.

Din l-entablatura hija magħmula minn tlett partijiet li huma l-arkitrav, il-frież u l-gwarniċun. F'kull faċċata tal-kampnar hemm ftuħ bi ħnejja. Kull ftuħ hu magħluq b'balavostrada. Il-ħnejja li għandha "archivolt" qed tpoġġi fuq l-impostaturi. Fuq l-"archivolt" ta' kull arkata hemm xogħol ta' skultura dekorattiva.

Il-parti ta' fuq tal-kampnar hija magħmula minn balavostrada li hija maqsuma fi tlett partijiet li huma s-sotto-bank, il-balavostri/pilastri (tal-balavostrada) fuq kull pilastru tal-kampnar, u sopra-bank. Din il-balavostrada fiha proġezzjoni fuq kull ġenb sporġut tal-pilastri ta' l-ordni kompost u ta' l-entablatura. Fuq kull kantuniera ta' din il-balavostrada hemm važun







(żubrun) dekorattiv.

Il-ħsara fil-kampnar kienet tikkonsisti f'deterjorazzjoni kbira u wkoll fi ħsara strutturali. Id-deterjorazzjoni kienet tant kbira li parti kbira mill-gwarniċun u xogħol ieħor ta' lavur kienu miksija bil-kisi ta' siment u d-dettal tal-"Modanaturi" anqas biss kien jidher. Parti kbira mill-pilastri u l-"alette" kienu ukoll miksija b'dan il-mod.

Il-ħsara strutturali fil-kampnar kienet ukoll kbira. Ċinturin ta' ħadid imsaddad, li kien fil-ġebel, kien il-kawża prinċipali ta' konsenturi u ċaqlieq fil-bini, li kienu ta' periklu, l-aktar f'kull kantuniera. Kien hemm ukoll tifqiegħ tal-ġebel. Bħalma wieħed jista' jifhem, dan it-tip ta' ħsara mhux se tiġi rranġata billi sempliċement ikun hemm bdil ta' ġebel 'l hemm u 'l hawn fil-kampnar, anzi normalment, jekk tagħmel hekk, flok ġid tista' tagħmel iktar ħsara. Minħabba din il-ħsara kollha li kien hemm, l-aħjar mod li jsir kien li l-kampnar jinħatt u jerġa jimbena mill-ġdid, identiku f'kollox ma' l-antik.

Biex ix-xogħol tal-bini jkun jista' jsir skond is-sengħa, identiku f'kollox ma' l-antik u skond l-arti ta' l-arkitettura, kien meħtieġ li nipprepara l-mollijiet (*templates*) meħtieġa kollha. Il-mollijiet huma mudelli "*full scale*" li jsiru minn folji tal-kartun jew minn pjanċa irqieqa ta' kull profil u ta' kull dettal arkitettoniku sew jekk kbir, kif ukoll jekk żgħir, biex ikunu ta' għajnuna għall-bennej, għan-naġġara u għal dawk li jaħdmu il-forma meħtieġa.





Il-qisien prinċipali tal-kampnar meħuda mid-dijametru t'isfel tal-pilastri ta' l-ordni kompost, huma ta' 10 piedi u 6 pulzieri fil-wisa' fuq il-faċċata u wara, u 9 piedi u 7 pulzieri fil-wisa' fuq il-ġnub. Kull ftuħ huwa 4 piedi fil-wisa'. Id-dijametru tal-pilastri ta' l-ordni pompost huwa ta' 2 piedi bi proġezzjoni ta' 4 pulzieri. Il-ħxuna tal-ħitan, fil-maġġjoranza tagħhom, huma 2 piedi. L-għoli tal-kampnar, meħud minn fuq tal-gwarniċa prinċipali tal-faċċata tal-knisja huwa ta' 12 il-pied u 3.875 pulzieri sa l-"istillo" ta' l-impostatura, 14 il-pied 3.875 sa' l-għola parti ta' l-"intradas" tal-ħnejjiet u 16 il-pied u 9.125 pulzieri sa taħt l-arkitrav. L-għoli ta' l-entablatura huwa ta' piedi u 0.57 pulzieri, fejn l-arkitrav huwa ta' pied u pulzier għoli, il-frież huwa pied u 5 pulzieri u kwart għoli u l-gwarniċa pied u 6.32 pulzieri għolja bi progezzjoni ta' pied u 6.32 pulzieri. B'hekk il-għoli tal-kampnar sa l'"orlo" tal-gwarniċun huwa ta' 20 pied u 9.695 pulzieri, l-għoli tal-balavostrada huwa ta' 3 piedi u 3 pulzieri, b'hekk l-għoli tal-kampnar sa fuq tas-soprabank huwa ta' 24 pied u 0.695 pulzieri. Kull važun (żabrun) dekorattiv huwa 3 piedi għoli. ●

# "ĦOBB LILL-PARROĊĊA"

*– Papa Pawlu VI*



***Kien tassew utli li fil-bidu tas-sena soċjali l-ġurnal 'Leħen Is-Sewwa' (Is-Sibt 23 ta' Settembru 1995, p.3) jippubblika diskors tal-Papa Pawlu VI dwar l-imħabba li kull membru ta' komunita' parrokkjali għandu jkollu lejn il-parroċċa li lilha jappartieni. J'Alla il-membri tal-komunita' parrokkjali tagħna jaqraw u jifhmu sew id-diskors tal-Papa ħalli l-parroċċa tagħna tkun komunita' ta' ħajja nisranija awtentika.***

**1. Agħti sehmek, itlob u bati għall-parroċċa.**

Itlob 'l Alla biex il-parroċċa tiegħek tkun it-tieni dar tiegħek:

- dar miftuħa għal kulħadd;
- dar għas-servizz ta' kulħadd.

**2. Agħti sehemek, itlob u bati**

biex il-parroċċa tkun komunita' ta' fidi.

- Irrispetta lill-kappillan, anke jekk ikollu elf difett għax hu id-delegat ta' Kristu għalik.
- Ħares lejh bl-għajnejn tal-fidi.
- tkbbarx id-difetti tiegħu.
- Tiġġidikax bl-addoċċ il-miżerji tiegħu, sabiex Alla jaħfer ukoll tiegħek.
- Ara x'għandu bżonn. Agħtih daqqa t'id u għinu.

*ikompli f'paġna 7* ➡

# MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ (6)

*kitba tal-***Kan. Dun Nikol Vella Apap**

## IL-KAN. SALVU BONDI' S.Th.D. (1730-1859)

*- Arkitett u Pittur -*

Il-Kan. Salvu Bondi' twieled fit-3 t'Awissu tal-1790, fir-Rabat ta' Għawdex. Ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Saver Cassar. Salvusa minn ċkunitu wera li għad ikun bniedem ta' intellett kbir. L-iskola mexa fiha bl-unuri kollha. Fil-21 ta' Diċembru 1816, Dun Salv kien ġie ordnat Presbiteru fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Fis-sena 1817, huwa kiseb il-Lawrija fit-Teoloġija, fil-Kulleġġ tal-Patrijiet ta' San Duminku tal-Belt Valletta.

L-Isqof Mons. Ferdinando Mattei (1807-1831) ħatar lil Dun Salv Bondi' bħala Ċerimonjier tal-Knisja Kolleġġjata ta' Għawdex, illum il-Kattidral. Fis-sena 1819, Dun Salv ġie magħżul bħala Kanoniku ta' din il-Kolleġġjata. Il-Kan. Dr. Salvu Bondi' kien Teologu profond, Kanonista sod u Interpretu tal-Kotba Mqaddsa, Moralista kapaċi li mexxa bosta żgħażagħ.

Fis-Sena 1840, il-Kan. Dun Salv Bondi' kien l-ewwel wieħed f'Għawdex li daħħal il-bizzilla. Sa dak in-nhar ma kien jeżisti l-ebda dokument li jġib xi regoli ta' din l-arti kif għandha tinħadem. Kien il-Kan. Dun Salv Bondi' li ħeġġeġ din l-arti, purament Għawdxija fost ix-xebbiet fqar u rżina tagħna. Il-bizzilla, għax-xebbiet tagħna ta' dari kienet l-unika għajnuna finanzjarja li taffiet xi ftit il-faqar ta' dak iż-żmien. F'Għawdex kien ħafna dawk li bdew jaqilgħu x'jieklu permezz tal-bizzilla. Il-Kan. Dun Salv Bondi' għamel ħafna disinni biex fuqhom tinħadem il-bizzilla.

Il-Kan. Dun Salv Bondi' kellu għal qalbu u ġibda kbira lejn l-Arkitettura. Biċċa xogħol bikrija ta' l-Arkitett S. Bondi' hija l-faċċata klassika tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, li nbniet fis-snin 1815-1816. Il-bennej ta' din il-faċċata arkitettonika huwa Vitor Portelli mir-Rabat, Għawdex. L-iskultura tagħha saret fl-1817, mill-iskultur Malti Sigismondo Dimech u ibnu Ferdinando. Kittieb Ingliż kietb hekk dwar din il-faċċata tal-Bażilika ta' San Ġorġ: *"The emigrants would find no churches in the golden land of opportunity as beautiful as St. George's, whose solemn majestic facade filled the whole end of the Square...... A single giant and noble Corinthian order formed St. George's imposing west facade"* (Ara Robin Bryan, Malta & Gozo, p.217).

Biċċa xogħol oħra sabiħa ta' l-Arkitett il-Kan. Dun Salv Bondi' hija l-Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra. Ix-xogħol kien beda fit-2 ta' Otubru 1815 u spiċċa fil-5 ta' jannar 1855. Il-Bennej huwa Fraġisku Portelli mir-Rabat Għawdex. Il-Kan. Dun Salv Bondi' fis-sena 1839 għamel id-disinn ta' wieħed mill-Kampnari tal-Knisja l-Qadima ta' Għajnsielem, li imbagħad ġie mibni mill-Bennej Malti-Żebbuġi ċertu Ġużeppi. Barra dan ix-xogħol il-Kan. Bondi' għamel il-pjanta tal-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem. L-ewwel ġebla tpoġġiet fit-12 ta' Marzu 1846. Kwadru żgħir, pittura tal-Kan. S. Bondi' jidher fis-Sagristija tal-Parroċċa ta' Kerċem. Il-Palazz ta' l-Isqof huwa xogħol ukoll tal-Kan. S. Bondi'.

Il-Kan. Dun Salv Bondi', barra li wera ħila fl-arkitettura, kien ukoll pittur. Il-Kwadru ta' Sant Anton Abbati tal-Knisja ddedikata lilu fix-Xagħra kien ġie mpitter mill-Kan. Bondi' fis-sena 1816.

Fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Ġorġ insibu fiha erba' kwadri ta' Dutturi tal-Knisja. Fi kwadru minnhom, fil-ktieb li għandu f'idejh Sant Wistin hemm miktub: Can. Salv. Bondi' Me. Pinxit Temploque Divi Georgii Donavit. A.D. 1822.

Il-Kan. Dun Salv Bondi' miet ta' madwar 69 sena fil-21 ta' Lulju 1859. Ġie midfun fil-Knisja Kattedrali tar-Rabat t'Għawdex. ●

# MONS. LUDOVIK MIFSUD-TOMMASI

## Mitejn Sena minn Twelidu

**Kitba ta' Geoffrey G. Attard**

Din is-sena taħbat il-*mitejn sena mit-twelid ta' Mons*. Ludovik Mifsud-Tommasi. Dan is-saċerdot żelanti mill-Parroċċa u Kolleġġjata tal-Kunċizzjoni ta' Bormla twieled f'din l-istess belt u aktar tard fil-ħajja saċerdotali tiegħu ġie mżejjen bit-titlu ta' Monsinjur tal-Kattidral ta' Malta.

Dan is-saċerdot jibqa' mfakkar l-iżjed għall-għadd kbir ta' kurunelli li kiteb ad unur xi qaddisin patruni u protetturi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Il-Kurunella tal-maħbub Patrun tagħna San Ġorġ Megalomartri ħarġet ukoll mill-pinna ta' dan il-kittieb bravu u poeta msemmi, li għex fis-seklu l-ieħor u li miet propju fis-sena 1879. Il-kurunella li kiteb ad unur ta' San Ġorġ tiġi reċitata kull nhar ta' Ħamis fil-Bażilika tagħna, imma b'mod speċjali fid-Disa' Ħamisijiet li jsiru bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ li tiġi ċelebrata fit-Tielet Ħadd ta' Lulju ta' kull sena.

Ta' min isemmi l-lingwaġġ sempliċi u sabiħ u fl-istess ħin mirqum li bih huwa niseġ b'għerf liema bħalu din il-kurunella hekk sabiħa. Tkun ħaġa tassew sabiħa kieku t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna kif ukoll devoti ta' San Ġorġ jitgħallmuha u jgħiduha bħalma jagħmlu missirijietna u ommijietna.

Mons. Mifsud-Tommasi jibqa' msemmi fl-istorja tal-Letteratura Maltija u anke fl-istorja ekklesjastika ta' pajjiżna bħala l-poeta li saħħaħ il-qima lejn il-qaddisin patruni. Il-parroċċa għandha tħossha kburija li għandha kurunella miktuba minn poeta hekk imsemmi. Barra minn hekk, ta' min igħid li din hija waħda mill-aħjar kurunelli li kiteb dan il-patrijott Malti fis-sena 1862, monument ħaj u dejjieni minqux fil-qlub tal-Ġorġjani Maltin u Għawdxin.

**Referenzi:**

"Mons. Ludovik Mifsud-Tommasi" - Joseph F. Grima, fil-Ktejjeb Programm Festi ta' San Ġorġ, Lulju 1992.

# Rokna għal-Tfal

Għeżież tfal,

Kif intom? Reġa' wasal il-waqt li niltaqgħu flimkien u ngħidu kelmtejn bejnietna. Bdiet sena oħra. Wasal Frar u erġajna għall-eżamijiet ta' Nofs is-Sena. Nistħajjel li bħalissa qegħdin fihom jekk mhux għaddejtuhom ukoll. Għandi nittama li lkoll kemm intom mortu tajjeb. Jekk hemm xi ħadd fostkom li ma tantx mar tajjeb, nissuġġerilu biex jistinka ftit iktar ħalli fl-eżami annwali jmur aħjar. Frar huwa wkoll ix-xahar tal-Karnival.



Ngħaddu, issa għall-istorja tas-soltu.

Fix-xitwa ta' l-1940, fi ġlieda qalila bejn l-armata Ġermaniża u dik ta' l-Alleati, il-Maġġur Henry Parkin kien milqut minn tir ta' balla ta' l-għadu. Il-Maġġur intelaq għall-mejjet fil-kamp tal-battalja.

Suldat żagħżugħ jismu MacCormack rah jintlaqat u b'kuraġġ ta' l-għaġeb telaq għal ħdejh u minkejja l-isparar kontinwu ta' l-għadu, ġarru għal fejn kienu ħbiebu. B'kura mmedjata, il-ħajja tal-maġġur ġiet salvata. Meta dan kiseb lura saħħtu, ried li jirringrazzja personalment lil dak is-suldat qalbieni. Mhux biss, imma kull sena, fl-anniversarju ta' din il-ġrajja, il-maġġur kien jikteb lis-suldat............

"Għażiż ħabib, għalaqt sena oħra minn meta salvajtli ħajti. Inħoss li għal darba oħra għandi ngħidlek "grazzi". Kull jum li ngħix huwa frott tal-ġenerożita' tiegħek!"

U hekk baqa' jagħmel il-maġġur tul ħajtu kollha. Għal 35 sena bagħat ittra kull sena lil MacCormack biex jurih li ma nesiex dak li kien għamel għalih.

***Qegħdin taraw, tfal, kemm kien bil-għaqal dak il-maġġur. Kull sena kien jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil dak is-suldat talli salvalu ħajtu. Aħna wkoll irridu nitgħallmu ngħidu "grazzi", mhux kull sena iżda kuljum. Lil min? Lil Alla, l-ewwelnett, ta' dak kollu li jipprovdielna tul ħajjitna. Warajh lill-ġenituri tagħna ta' kulma għamlu magħna. Imbagħad lill-għalliema u l-katekisti tagħna għall-paċenzja kollha li jieħdu bina. Tgħallmu għidulhom "grazzi" ta' spiss lil dawn, u qisu li tkunu dejjem grati lejhom.***

Għal-lum dak kollox. Sa ma nerġgħu niltaqgħu f'ħarġa oħra,

Saħħiet.

iz-Ziju Peppi

jaqbad minn paġna 5

# "ĦOBB LILL-PARROĊĊA"

**3. Agħti sehmek, itlob u bati biex il-parroċċa tkun komunita' ewkaristika, u l-Ewkaristija tkun 'il-għerq ħaj' tal-bini tagħha.**

- Ħu sehem bil-qalb fl-Ewkaristija.
- Ifraħ u nnota l-ħwejjeġ sbieħ li hemm fil-parroċċa tiegħek.
- La tħammiġx ismek billi toqgħod teħodha kontra l-għażż fil-parroċċa.
- Għall-kuntrarju, xammar idejk biex tagħmel dak li jitolbu minnek.
- Ftakar illi t-tqasqis, l-ambizzjoni, il-retenzjonijiet u l-pika huma parassiti li joqtlu l-ħajja fil-parroċċa. Dawn il-mikrobi eqridhom u oqtolhom.

**4. Biex tagħti servizz l-ewwel ħaġa hi meħtieġa l-umilta'**

- La timponix l-ideat tiegħek.
- Neħħi l-amibizzjonijiet tiegħek.
- Aqdi bl-umilta'.
- Aċċetta li tingħata l-ġenb jekk il-ġid komuni f'xi mumenti jitlob dan minnek.

**5. Iżda qis li ma torbotx idejk:**

- Intefa f'xogħol l-iktar iebes u l-aktar skartat minn kulħadd.
- Ara li ma jfettillekx twaqqaf fil-parroċċa xi partit ta' l-oppożizzjoni.

**6. Anke jekk il-kappillan jidhirlek li "ma jħallikx taħdem", b'daqshekk mhix ser tegħreq il-parroċċa:**

- hemm oqsma oħra fejn tista' taħdem bil-liberta' : it-talb, il-fqar, il-morda, persuni waħidhom u abbundanati.
- Biżżejjed ikunu ħajjin dawn l-oqsma biex il-parroċċa tieħu l-ħajja.
- Fuq kollox hemm it-talb; dan ħadd ma jista' jeħodulek.

**7. Ftakar li bl-umilta' u bil-karita' kull verita' tista' tgħidha.**

- Spiss hija l-arroganza u l-preżunzjoni li jfixklu li l-progress u jibnu l-ħitan tal-firda.
- Kultant l-aħjar inizjattivi ma jiġux milqugħa għax min jagħmilhom ikun nieqes minn ftit paċenzja.

**8. Jekk fil-parroċċa l-affarijiet ma jkunux sejrin sew:**

- ipprova pponta subgħajk kontra tiegħek innifsek minflok kontra l-oħrajn jew kontra l-kappillan.

**9. Jekk il-Parroċċa tinsab f'sitwazzjoni kerha:**

- it-tort huwa wkoll tiegħek.
- Biżżejjed ikun hemm grupp ta' rieda sħiħa biex jagħmlu bidla.
- Biżżejjed ikun hemm ftit nies deċiżi għal kollox biex jagħtuha dehra ġdida.

**10. Itlob bla ma taqta' għall-qdusija tas-saċerdoti tal-parroċċa.**

- Dawn huma l-ikbar rikkezza tal-parroċċa - is-saċerdoti qaddisin huma s-salvazzjoni taż-żgħażagħ tagħna. ■



# IL-BELT VICTORIA TFAKKAR LILL-ARĊIPRIET ALFONS MARIA HILI





Bl-inizjattiva tal-Parroċċa tagħna, l-Belt Victoria fakkret l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili (1865-1943) nhar is-Sibt u l-Ħadd 13 u 14 ta' Jannar permezz ta' Akkademja Mużiko-Letterarja u Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali kien preżenti ukoll l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta, li fl-aħħar tal-Quddies kixef Monument artistiku, imwaqqaf f'ġieħ l-Arċipriet Hili fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd bdiet b'marċ mill-Banda Cittadina "La Stella"li laqgħet lill-E.T Mons. Isqof Cauchi u mbagħad lill-President ta' Malta bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali. Fil-Konċelebrazzjoni ħadu sehem 31 konċelebrant u għaliha ntuża l-apparat aħmar u rikamat tal-festa ta' San Ġorġ. Fi tmiem il-quddiesa saru diskorsi qosra mill-President ta' Malta, minn Mons. Salv Borg, Arċipriet ta' San Ġorġ, mir-Rev. (Dr.) Joseph Farrugia, membru tal-Presbyterium Parrokkjali, mis-Sinjura Antoinette Frendo, Presidenta tal-*Ladies' Society* fi ħdan l-istess Bażilika.

Il-Kor "Laudate Pueri" kanta l-***Missa Papae Marcelli*** ta' Palestrina kif ukoll siltiet oħra polifoniċi. Il-Monument, xogħol fl-irħam sabiħ u bronż, inħadem mill-iskulturi Joseph Chetcuti ta' Pembroke, Malta, u Raymond Bonello mix-Xagħra, Għawdex, u ġie irregalat lill-knisja mil-***Ladies' Society*** tal-Bażilika ta' San Ġorġ, il-promoturi ta' din il-Kommemmorazzjoni. Preżenti kien hemm il-Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone, is-Sindku tal-Belt Victoria u s-Sinjura Galea Pace. Delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Kattidral assistiet għal din iċ-ċelebrazzjoni, u kienet magħmula mill-Arċidjaknu Mons. G.B. Gauci, u mill-kanoniċi Monsinjuri Ġużeppi Gauci u Ġorġ Tabone, lebsin l-abiti korali.

Lapida sabiħa ta' l-irħam tpoġġiet mal-faċċata tad-dar fejn kien jgħix l-Arċipriet Hili. Din il-Lapida li saret bl-inizjattiva ta' Dun Ġużepp Farrugia, inkixfet nhar is-Sibt, 13 ta; Jannar, mill-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex waqt Serata Mużiko-Letterarja li nżammet Fejn San Ġorġ tal-Ħagar. Din il-Lapida ġiet imbierka mill-W.R. Mons. Emm. Mecieca, Arċipriet Emeritus tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-"Chorus Urbanus" kanta tlett siltiet ta' Mużika Sagra, filwaqt li fil-parti letterarja ħadu sehem Mons. Salv Borg, il-Kan. Dun Nikol Vella Apap, il-Poeta Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak, u Dun Louis Bezzina. Din il-Lapida tħallset mis-Sur Victor Sultana u l-familja tiegħu.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, li kellhom karattru kemm reliġjuż kif ukoll ċiviku,ġew organizzati bil-għajnuna tal-Kunsill tal-Kultura tal-Ministeru għal Għawdex.

Fil-Ħarġa li jmiss ser nippublikaw Suppliment bid-diskorsi kollha kif ukoll ritratti ta' din il-ġrajja hekk sabiħa f'ġieħ l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili. ■

Casa Bella Exhibition

**KUMPLESS TAT-TEATRU ASTRA**
**Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd**
**16, 17, 18 ta' Frar 1996**
**~ DĦUL B'XEJN ~**
***Opportunita' Unika biex issebbaħ darek b'irħis!***

A&M PRINTING LTD. - QALA - 553217

# 'IL-BELT VICTORIA'

# Werrej Generali

*minn Nru. 70 (Jannar-Frar 1993) sa Nru. 87 (Novembru - Diċembru '95)*

**Miġbur minn Ġwann Azzopardi, S.J.**

## ■ IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

"Il-Katekiżmu l-Ġdid tal-Knisja Kattolika", nru. 70 (Jannar-Frar 1993), pp. 1 u 7

"Salelll Salelll Sale b'rohs kbir", nru. 71 (Marzu-April 1993), pp. 1-2

"Il-Papa tal- *"Pacem in Terris"* 30 sena mill-Mewt tal-Papa Ġwanni XXIII nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993), pp. 1 u 7

"Il-Festa: Mument Qawwi ta' l-Ispirtu", nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), pp. 1-2

"Kulhadd Abbordli!" nru. 74 (Settembru-Ottubru 1993), pp. 1-2

"Għar Isir Ġenna Meta jilqa' Fih lil Alla", nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), pp. 1 u 3

"Rigal li għadu jgħodd sa Llum", nru. 76 (Jannar-Frar 1994), pp. 1 u 6

"Int GhAndek Tama?" nru. 77 (Marzu-April 1994), pp. 1 u 6

"Xtaqt Nghidlek Kelma.....!", nru 78 (Mejju-Ġunju 1994), pp. 1 u 7

"Għalfejn Qed Nagħmlu Festa?" nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), pp. 1 u 7

"Abjad u Iswed", nru. 80 (Settembru-Ottubru 1994), pp. 1 u 3

"Hsebijiet Skomdi għall-Milied", nru. 81 (Novembru - Diċembru 1994), pp. 1 u 2

"Żogħżija '95", nru. 82 (Jannar-Frar 1995), pp. 1 u 2

"Nixtieqilkom Nuċċali bi Tlett Lentijiet", nru. 83 (Marzu-April 1995), pp. 1 u 3

"Wara l-Preċett u l-Griżma", nru. 84 (Mejju-Ġunju 1995), pp. 1 u 6

"Irridu Nagħmlu Festa mill-Isbaħ", nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), pp. 1 u 6

"Mill-Ġdid l-Iskola", nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995), p. 1 u 6

"Erodi Għadu Jsaltan", nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), pp. 1 u 2

## ■ EDITORJALI

"Hidma bla waqfien", nru. 70 (Jannar-Frar 1993), p. 2

"It-Tberik tal-Familji", nru. 71 (Marzu-April 1993), p. 2

"Mons. Arċipriet 25 sena Saċerdot", nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993), p. 2

"Viva San Ġorġ', nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), p. 2

"Naċċettaw lil Xulxin", nru. 74 (Settembru-Ottubru 1993), p.2

"Kulħadd igħid il-Fehma Tiegħu", nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), p. 2

"1994: Is-Sena tal-Familja", nru. 76 (Jannar-Frar 1994), p.2

"Il-KUnsill Lokali tal-Belt Victoria", nru. 77 (MArzu-April 1994), p.2

"Riesda l-Festa tagħna", nru. 78 (Mejju - Ġunju-Lulju 1994), p.2

"Viva Ġorġil", nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), p.2

"Il-Marda li Tifnina", nru. 80 (Settembru-Ottubru 1994), p. 2

"Fi Tmiem is-Sena tal-familja), nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), p.2

"Il-Quddiesa tal-Hadd", nru. 82 (Jannar-Frar 1995), p.2

"Separazzjonijiet iktar minn Żwiġijiet", nru. 83 (Marzu-April 1995), p.2

"Naħsbu min issa għall-Festa", nru 84 (Mejju-Ġunju 1995), p.2

"Niċċelebraw", nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), p.2

"Mhux il-Flus Biss...", nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995), p. 2

"Il-Kampnar/ Milied Kummerċjalizzat", nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), p.2

## ■ ROKNA GHAT-TFAL

nru. 70 (Jannar-Frar 1993), p.7
nru. 71 (Marzu-April 1993), p. 6
nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993), p. 7
nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), p. 7
nru. 74 (Settembru-Ottubru 1993), p. 7
nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), p. 7
nru. 76 (Jannar-Frar 1994), p.7
nru. 77 (Marzu-April 1994), p.7
nru. 78 (Mejju-Ġunju 1994), p.7
nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), p.7
nru. 80 (Settembru-Ottubru 1994), p.7
nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), p.7
nru. 82 (Jannar-Frar 1995), p.7
nru. 83 (Marzu-April 1995), p.6
nru. 84 (Mejju-Ġunju 1995), p. 6
nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), p.7
nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995), p.6
nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), p.6

Fit-tmiem din ir-rubrika jkun hemm Kompetizzjonijiet għat-Tfal.

## ■ ARTIKOLI

AZZOPARDI, Franġisku, "50 sena llul Tluq ta' l-Isqof Ġużeppi Pace mingħand il-Kappuċċini għall-Ingress Solenni", nru. 83 (Marzu-April 1995), p.5

BEZZINA, John, "100 sena ta' Armar għall-Festi ta' Barra 1894-1994", nru.79 (Lulju-Awissu 1994), pp. 4-5 nru.80 (Settembru-Ottubru 1994), p.6

BORG, George, "20 Sena mill-Mewt ta' Mro. Giuseppe Giardini Vella", nru. 80 (Settembru-Ottubru 1994), p.5

FERRERO, Bruno, "L-Ispirtu ta' Familja", nru. 78 (Mejju-Ġunju 1994), p.6

FERRERO, Bruno, " Omm bħal Mamma Margherita", nru. 84 (Mejju-Ġunju 1995), pp.5-6

FRENDO, George, "Il-Familja Nisranija fid-Dawl tal-Familja ta' Nażareth" nru. 76, (Jannar-Frar 1994), pp. 4-5

ĠWANNI PAWLU II, "Il-Familja fid-Diskors tal-Papa", nru 80, (Settembru-Ottubru 1994), pp. 4 u 7

MARTINI, Carlo Maria,"Il-Futur ta' Uliedna: Hsebijiet sempliċi għal Futur Aħjar" nru. 70, (Jannar-Frar 1993), pp. 4-5

PAPPALARDO, Anna: "It-T.V. u l-Familja", nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), pp. 4-5

SCIBERRAS, Lawrenz, "Betlem u l-Milied", nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), p.4

VELLA APAP, Nikol, "S.Ġorġ fil-Hsieb ta' S. Pier Damiani (1007-1072), nru. 71 (Marzu-April 1993), pp. 4 u 6

VELLA APAP, Nikol, " S. Ġorġ Martri fil-Kalendarju Ruman", nru. 73, (Lulju-Awissu 1993), pp. 3 u 6

VELLAAPAP, Nikol, "F'Għeluq il-50 sena mill-Mewt ta' l-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili, Prel. Dom. (1865 - 1943) nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), pp. 4-5

VELLAAPAP, Nikol, "F'Għeluq il-25 sena mill-Mewt ta' Mons. Gużeppi Farrugia Giojoso (1969-1994) nru. 76 (Jannar-Frar 1994), pp. 3 u 6

VELLA APAP, Nikol, " Il-Knisja Djakonija ta' San Ġorg al Velabro ta' Ruma", nru.77 (Marzu-April 1994), pp.5-6

VELLA APAP, Nikol, " Il-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' S. Ġorġ 'Al Palazzo' f'Milan", nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), pp. 3 u 6

VELLA APAP, Nikol, "L-Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg (1793-1866) - 200 sena wara twelidu" nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), p.6

VELLA APAP, Nikol, "Min Qasam l-Arti f'San Ġorġ"

(1) Il-Pittur Kalabriż Mattia Preti (1613-1699), nru. 82, (Jannar-Frar 1995) p. 6

(2) Il-Pittur Franġisku Vincenzu Zahra (1710-1773), nru. 83, (Marzu-April 1995), p. 4

(3) Il-Pittur Gużeppi d'Arena (Seklu XVII) nru. 84 (Mejju-Ġunju 1995) p. 4

(4) Il-Pittur Stefano Erardi (Seklu XVII) nru. 85 (Lulju-Awissu 1995) p. 5

(5) Il-Pittur Għawdxi Mikiel Busuttil (1758-1828) nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995) p. 5

VELLA APAP, Nikol, "Lydda u San Ġorġ", nru. 85 (Lulju-Awissu 1995) pp. 4 u 5

ZAMPETTI, Eugenio: "Il-Familja: Tempju tal-Hajja", nru. 77 (Marzu-April 19940, pp. 4 u 6

## ■ POEZIJI

ANONIMU, "S.Ġorġ - Il-Qaddis li Obda", nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), p. 5

ATTARD, Geoffrey G., "Twieled il-Bambin", nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), p. 5

ATTARD, Geoffrey, "Salvator Mundi", nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), p.5

ATTARD, Joe M., "Deus Charitas Est", nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), p.3

ATTARD, Nathaniel, "Quddiem l-Istatwa Titulari ta' S. Ġorġ" nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), p.8

BEZZINA, Charles, " Kellimni", nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), p.8

CARUANA, George, "Il-Ġmiel tal-Madonna", nru.74 (Settembru-Ottubru 1993), p. 3

CARUANA, George, " Ktajjen Miksura", nru. 75, (Novembru-Diċembru 1993), p. 7

ĠORĠI, "Żagħżugħ ta' dejjem", nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), p. 7

VELLA APAP, Nikol, " Lil SAn Beneditu Abbati, Patrun ta' L-Ewropa", nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993), p. 6

VELLA APAP, Nikol, "Lill-Ewwel Statwa għall-festi ta' Barra f'għawdex: S. Ġorġ Megalomartri fl-ewwel mitt sena tal-waslu tiegħu 1894-1994) nru. 79 (Lulju-Awissu 1994) p. 6

■ **LADIES SOCIETY**
nru. 70 (Jannar-Frar 1993) p. 3
nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993) p. 6
nru. 76 (Jannar-Frar 1994) p. 8
nru. 83 (Marzu-April 1995) p. 6
nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995) p. 3

■ **NIFIRHU LIL**
W.Rev. Kan. Coronato Grima,
nru. 70 (Jannar-Frar 1993), p. 3
W.Rev. Mons. Antonio Grech Vella,
nru. 73 (Lulju-Awissu 1993), p.8
Mons. Emanuel Mercieca, Arċipriet Emeritus,
W.Rev. kan. Dun Anton Cefai
George Frans Vella,
nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), p.3
Sr. Josepha Gauci,
Sr. Josmarie Camilleri
nru. 80 (Settembru-Otubru 1994), p.7
Dun Joe Zammit,
Dun Jimmy Xerri,
nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), p.7
Ms. Dorienne Portelli
nru. 82 (jannar-Frar 1995), p. 3
Mere Abbess Rose Therese Ellis
nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995), p.3

"Wara l-Festi tal-Milied"
"Kors ta' Tagħlim għall-Għaeajjes u Koppji Miżżewġa"
"Mro. John Galea f'Attivitajiet barra minn Malta"
"Teatru Astra: 25 Sena ta' Ħidma Kulturali u Edukattiva għal Pajjiżna"
"*She Stoops to Conquer*" fit-Teatru Astra"
- Nru. 70 (Jannar-Frar 1993) *passim*

"Il-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira"
"Kors tat-Tħejjija għaż-Żwieġ"
"Ġesu' Kristu jżur il-Ġnus Magħquda"
"Solennita' Liturġika ta' S. Ġorġ Martri, il-Ġimgħa, 23 t'April"
"25 Sena mill-ftuħ tat-Teatru Astra",
"Għat-Tielet darba l-ewwel",
"Bażilika ta' San Ġorġ, Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa"
- Nru. 71 (Marzu-April 1993) *passim*

"Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika fil-Bażilika tagħna (ritratti)
"Il-Kor 'Laudate Pueri' Impenjat bis-sħiħ fil-Qasam Mużikali f'Pajjiżna,
"Inħejju għall-Festi tagħna";
"Il-Grupp Folkloristiku 'Astra' fir-Russja"
- Nru. 72 (Mejju-Ġunju 1993) *passim*

"Kuruna ta' Glorja u Ġmiel f'Ras ir-Rebbieħ",
"Kwadru tal-Qalb ta' Ġesu' Mqiegħed għal Qima fil-Bażilika tagħna",
"Gwarniċ tal-Ventartal ġdid",
- Nru. 73 (Lulju-Awissu 1993) *passim*

"Għall-Ewwel Darba l-Parroċċa għandha d-Domus Curialis Tagħha"
"Rapport Finanzjarju tal-Festa Titulari ta' San Ġorġ Martri - 1993"
"Ottubru: Żmien tad-Duttrina", "Ir-Rużarju", " Lourdes '93",
"Rigali lill-Banda La Stella" "Kunċert mis-Sopra Veronica Vascotto",
"Pjazza San Ġorġ, iċ-Ċentru Kulturali Għawdxi"
"Grupp tal-Vokazzjonijiet"
"Il-President ta' Malta Dr. Censu Tabone fi żjara lill-Każin tal-Banda La Stella"
- Nru. 74 (Settembru-Ottubru 1993) *passim.*

"Tiswija Ġenerali taż-Żewġ Kampnari tal-Bażilika",
"Patri Akkursju Xerri OFM, PEP" 25 sena mill-mewt tiegħu",
"Kunċert Operistiku b'risq San Ġorġ',
"Il-Programm Mużikali Annwali tal-Banda La Stella - Pjazza Indipendenza"
- Nru. 75 (Novembru-Diċembru 1993), *passim.*

"Il-Logo għas-Sena Internazzjonali tal-Familja",
"Happy Birthday!"
- Nru. 76 (Jannar-Frar 1994), *passim.*

"Festa Liturġika ta' San Ġorġ Martri",
"Il-Fratellanza tas-Ss.mu Kurċifiss Tfakkar il-100 sena tagħha",
"Il-Banda La Stella Mistiedna żżur il-kanada",
"Suċċess ieħor fil-Karnival",
"Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa, 27 ta' marzu - 3 t'April",
- Nru. 77 (Marzu-April 1994), *passim*

"Nifirħu lis-Sindku tal-Belt Victoria",
"L-Ikla ta' Jum San Ġorg",
"Il-Banda Ċittadina La Stella Tferraħ l-Emigranti Maltin u Għawdxin fil-Kanada"
"Ġimgħa Ewkaristiku-Liturġika fil-Parroċċa"
- Nru. 78 (Mejju - Ġunju 1994), *passim*

"Stop Press: Mro Joseph Vella",
"Ikla Tradizzjonali tal-Festa ta' San Ġorġ',
"Akkademja Mużiko-Letterarja fi Pjazza San Ġorġ",
"Xogħol fil-Bronż għall-Bradella ta' San Ġorġ",
- Nru. 79 (Lulju-Awissu 1994), *passim.*

"Mrs. Antoinette Frendo tirbaħ il-Premju Nazzjonali 'L-Anzjana tas-Sena 1994",
"L-Opra 'Nabucco' fit-Teatru Astra",
- Nru. 80 (Settembru-Ottubru 1994), *passim*

"Ħsebijiet skomdi għall-Milied",
"Imbierek minn iġib il-Paċi",
"Rendikont tad-Dħul u l-Ħruġ tal-Festa ta' San Ġorġ 1994",
"L-Opra 'Nabucco' fit-Teatru Astra: Splendur fl-Arti Lirika",
- Nru. 81 (Novembru-Diċembru 1994), *passim*

"Ix-Xhieda ta' Jehovah",
"Il-Banda Ċittadina La Stella f'Jum ir-Repubblika",
"Mur obsor għaz-Zijal - Kummiedja Ġdida fit-Teatru Astra",
- Nru. 82 (Jannar-Frar 1995), *passim.*

"Stellarju u Velu Ġdid",
"Jimpurtak!",
"Il-Kurċifiss",
"Kwadru tal-Madonna ta' Pinu Mogħti lill-Bażilika ta' San Ġorġ",
"Filma Dokumentarju dwar Għawdex fit-Teatru Astra",
"Aktar Suċċessi fil-Karnival",
"Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-bażilika ta' San Ġorġ",
- Nru. 83 (Marzu-April 1995), *passim*

"Il-Banda La Stella f'Tas-Sliema",
"Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika (ritratti)
"Imut l-Ewwel Kanoniku Onorarju tal-Kapitlu Ġorġjan",
"Kunċert ta' Mużika Sagra matul il-Ġimgħa Mqaddsa",
"Il-Grupp Folkloristiku Astra fl-Eġittu",
"Xogħol fuq il-Kampnar", "5 Baned Maltin għall-Festa ta' San Ġorġ",
- Nru. 84 (Mejju-Ġunju 1995), *passim.*

"Monument f'ġieħ Mons. Isqof Ġużeppi Pace",
"Żjara ta' Ġimgħa fl-Art Imqaddsa",
"F'Egħluq il-25 sena mill-mewt ta' l-Ewwel Soru Għawdxija sależjana"
"Insellmu lil Don Egidio Vigano'"
"Cassette Type ġdid mill-Banda Cittadina La Stella",
"Imfakkar Għeluq it-800 sena mit-Twelid ta' S. Antnin",
- Nru. 85 (Lulju-Awissu 1995), *passim*

"Rigal ta' l-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit lill-Bażilika ta' San Ġorġ"
"Il-Chorus Urbanus jieħu sehem fis-VI Assemblea Mondjali tal-Familja"
"Il-Ftehim fuq iż-żwieġ".
"Pellegrinaġġ ieħor għal Lourdes",
"Akkademja Muziko-Letterarja f'ġieħ Mro Giuseppe Giardini Vella",
"Insellmu lil Ġorġ Xerri",
"Turandot" fit-Teatru Astra"
"Mro Giardini Vella Mfakkar fil-każin tal-Banda La Stella"
- Nru. 86 (Settembru-Ottubru 1995), *passim*

"Chorus Urbanus" 20 Sena mit-Twaqqfif tiegħu",
"Kxif tal-Monument u Lapida b'Tifkira ta' l-Arċipriet Alfons M. Hili"
"Kunċert mill-Banda Ċittadina La Stella f'ġieħ Joseph Vella",
"Strument Ġdid lill-Banda La Stella",
"Turandot" Trijonf ta' Splendur, Trijonf ta' Perfezzjoni",
- Nru. 87 (Novembru-Diċembru 1995), *passim*

F'kull ħarġa hemm ir-rubriki:
Membri Ġodda fil-Komunita' Parrokkjali
Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ
Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat
Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista.

*Nirringrazzjaw lil Ġwann Azzopardi S.J. ta' dan il-Werrej dettaljat li lestielna.*